



**OPINJONI NRU 02/2011**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI**

**tad-19 ta' April 2011**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jstabilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni  
għall-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet kummerċjali**

***'Il-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina u l-attestazzjoni relatata'***

## **Nota ta' Spjegazzjoni**

### **I. Introduzzjoni**

1. L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tgħin lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi Regoli ta' Implimentazzjoni għall-persunal tal-avjazzjoni ċivili li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ ir-'Regolament Bażiku').
2. Ir-Regolament Bażiku jistabbilixxi qafas komprensiv għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili. F'dan il-qafas, din l-Opinjoni tindirizza b'mod speċifiku l-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkun involut f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru b'ingeni tal-ajru kif previst fl-Artikolu 4(1)(b) u (ċ) ta' dak ir-Regolament.
3. L-għan tal-Parti-Ekwipaġġ tal-Kabina propost (minn hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ il-'Parti-CC') huwa li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi komuni li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet biex tinħareġ, tinżamm, tiġi emendata, ristretta, sospiża jew revokata l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina prevista bl-Artikolu 8(4) u (5)(e) tar-Regolament Bażiku kif ukoll il-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi tal-attestazzjonijiet.
4. Il-Parti-CC, kif propost f'din l-Opinjoni, tikkonsisti minn tliet subpartijiet, li jinkludu:
  - o Subparti GEN, rekwiżiti ġenerali;
  - o Subparti CCA, rekwiżiti speċifiċi għall-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina;
  - o Subparti TRA, rekwiżiti ta' taħriġ għall-applikanti u d-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina.
5. It-test propost f'din l-Opinjoni jirrifletti l-bidliet li saru fil-proposti oriġinali tal-Aġenzija (kif ippubblikati fl-NPA 2009-02e) bħala riżultat ta' konsultazzjoni pubblika, kif ukoll bidliet oħra li saru wara r-reviżjoni tar-reazzjonijiet għal CRD.

### **II. Konsultazzjoni**

6. Il-proposti oriġinali għall-Parti-CC ġew ippubblikati bħala parti mill-NPA 2009-02 fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija (<http://www.easa.europa.eu>) fit-30 ta' Jannar 2009.  
Il-perjodu ta' konsultazzjoni tal-NPA ġie estiż skont l-Artikolu 6(6) tal-Proċedura tat-Tfassil ta' Regoli<sup>2</sup> fuq talba mill-partijiet interessati biex tkun żgurata s-sovrapożizzjoni ma' NPAs relatati u biex ikun hemm aktar żmien għall-kummenti, filwaqt li jitqies id-daqs u l-ambitu tal-NPA.
7. NPA 2009-02 kien maqsum f'seba' dokumenti separati, li wieħed minnhom, NPA 2009-02e<sup>3</sup>, kellu l-proposti abbozzati għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IR) u l-Mezzi ta' Konformità aċċettabbli relatati (AMC) u Materjal ta' Gwida (GM) għall-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASA 08-2007, li temenda u tissostitwixxi l-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli, adottata fil-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija 03-2007 tat-13 ta' Ġunju 2007. ([http://www.easa.eu.int/ws\\_prod/g/management-board-decisions-and-minutes.php](http://www.easa.eu.int/ws_prod/g/management-board-decisions-and-minutes.php)).

<sup>3</sup> NPA 2009-02e: [http://easa.europa.eu/ws\\_prod/r/doc/NPA/NPA%202009-02E.pdf](http://easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/NPA%202009-02E.pdf).

bl-ajru kummerċjali u l-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina relatata msemmija fl-Artikolu 8 (4) u (5)(e).

8. Sal-31 ta' Lulju 2009<sup>4</sup>, id-data tal-għeluq tal-perjodu ta' konsultazzjoni, l-Aġenzija rċeviet 568 kumment rilevanti għall-Parti-CC. Il-kummentaturi ewlenin kienu jinkludu l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-linji tal-ajru u l-assoċjazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll linji tal-ajru u persuni individwali.
9. Ix-xogħol fuq ir-reviżjoni tal-kummenti sar fil-qafas ta' metodu komuni biex ikunu estiżi l-kompetenzi tal-UE, li sar ftehim dwarhom bejn l-Aġenzija, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Dan il-metodu komuni stabbilixxa mhux biss il-prijoritajiet dettaljati tax-xogħol li kellu jiġi żviluppat mill-Aġenzija, iżda wkoll prinċipji ta' livell għoli li kellhom ikunu l-bażi tar-reviżjoni tal-kummenti. Fost dawn kien hemm: il-konformità mas-SARPs tal-ICAO, il-liġi tal-UE u r-Rekwiżiti Konġunti dwar l-Avjazzjoni (JARs) adottati; il-ħtieġa li tingħata l-attenzjoni meħtieġa għal prinċipji ta' sikurezza u għal prinċipji regolatorji kif ukoll għat-tqassim attwali tat-test bejn liġi vinkolanti u liġi mhux vinkolanti; il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati kif jixraja il-limitazzjonijiet bħalma huma l-bidliet li jirriżultaw mir-Regolament Bażiku u mill-NPAs tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) li dwarhom kien intlaħaq qbil; il-ħtieġa li jiġu żviluppati rekwiżiti proporzjonati; u, fl-aħħar nett, il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari għaċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali u l-infurzabbiltà tat-test regolatorju propost.
10. L-Aġenzija ppreżentat ir-riżultat tar-reviżjoni tal-kummenti kif ukoll l-abbozz tat-test riżultanti lill-gruppi ta' reviżjoni tal-OPS.001 għat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)<sup>5</sup> u għal operazzjonijiet mhux kummerċjali b'inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni (NCC)<sup>6</sup>.
11. Dawn il-gruppi ġew stabbiliti skont il-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli u kienu jinkludu fihom il-membri tal-grupp ewleni ta' abbozzar tal-OPS.001 kif ukoll esperti oħrajn mill-Aġenzija, l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni u l-industrija li ma kinux involuti fil-fażi tal-abbozzar oriġinali.
12. Abbażi ta' reviżjoni bir-reqqa tal-kummenti kollha li ġew sottomessi lill-NPA u tal-*input* mill-gruppi ta' reviżjoni, il-proposti riveduti ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fis-7 ta' Ottubru 2010 bħala Dokument ta' Tweġiba għall-Kummenti (CRD - Comment Response Document) lill-NPA 2009-02e - Parti-CC. Sad-data tal-għeluq tas-7 ta' Diċembru 2010, l-Aġenzija kienet irċeviet 80 reazzjoni (li rriżultaw f'176 reazzjoni differenti) minn 35 kummentatur, inkluż l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-linji tal-ajru u l-assoċjazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ukoll organizzazzjoni tat-taħriġ, linji tal-ajru u produtture ta' apparat tat-taħriġ individwali.
13. Ir-reazzjonijiet li ddaħħlu fil-Parti-CC kienu jinkludu 29 reazzjoni li kienu jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-operat għall-ekwipaġġ tal-kabina, ippubblikati mas-CRD għar-Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni (Parti-OR - OR.OPS.CC), u 5 reazzjonijiet li kienu jikkonċernaw il-proposti dwar is-Subparti AR.CC, ippubblikati fis-CRD għar-Rekwiżiti tal-Awtorità (Parti-AR). B'mod simili, 29 mill-113-il reazzjoni rilevanti għall-ekwipaġġ tal-kabina li waslu dwar is-CRD u li kienu jikkonċernaw il-Partijiet

<sup>4</sup> Skont l-Artikolu 6.6 tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija 08-2007, l-Aġenzija estendiet il-perjodu ta' konsultazzjoni għal perjodu ieħor ta' xahrejn sabiex tiżgura s-sovrappożizzjoni ma' NPAs relatati (mit-30/05/2009 sal-31/07/2009).

<sup>5</sup> Il-kompożizzjoni tal-grupp ta' tfassil ta' regoli għall-CAT ([http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/doc/NPA/Review%20Group/GC%20OPS%20001%20CAT.pdf](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/Review%20Group/GC%20OPS%20001%20CAT.pdf)).

<sup>6</sup> Il-kompożizzjoni tal-grupp ta' tfassil ta' regoli għall-NCC ([http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/doc/NPA/Review%20Group/GC%20OPS%20001%20CMPA.pdf](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/doc/NPA/Review%20Group/GC%20OPS%20001%20CMPA.pdf)).

AR u OR (AR.CC u OR.OPS.CC) kienu reazzjonijiet għall-Parti-CC. Uħud minn dawk ir-reazzjonijiet kienu doppji.

### III. Sommarju tar-reazzjonijiet li waslu dwar is-CRD Parti-CC u t-test riżultanti

14. L-Aġenzija għamlet analiżi bir-reqqa u valutazzjoni tar-reazzjonijiet kollha li rċeviet. Abbażi ta' dan, saru bidliet fl-abbozz tat-test tas-CRD għall-Parti-CC. Aktar informazzjoni hija disponibbli hawn taħt, taħt l-intestaturi rilevanti.

#### Regolament ta' tifsir għall-Parti-CC

15. **Ir-Regolament ta' tifsir dwar il-persunal tal-avjazzjoni ċivili** jinkludi fih ir-rekwiżiti indirizzati lill-Istati Membri, jiddefinixxi l-applikabbiltà ġenerali tal-Partijiet li huwa jkopri u jipproponi miżuri ta' transizzjoni li jistgħu jinkludu esklużjonijiet<sup>7</sup> jekk tinqabeż id-data tat-8 ta' April 2012. Minħabba li l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tal-Aġenzija għall-ewwel estensjoni qiegħda ssir f'fażijiet differenti, huwa mistenni li r-Regolamenti relatati jistgħu jiġu adottati wkoll f'fażijiet meta wieħed jikkunsidra li fi tmiem il-proċess tal-adozzjoni mill-Kummissjoni, ir-Regolament dwar il-persunal tal-avjazzjoni ċivili se jkopri l-Parti-FCL, il-Parti-MED u l-Parti-CC (jiġifieri, regoli li jkopru l-liċenzji tal-ekwipaġġ tal-kabina u ċ-ċertifikazzjoni medika tagħhom, kif ukoll il-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina u l-adekwatezza medika tagħhom).
16. **Ħafna mir-reazzjonijiet li waslu u li kienu jikkonċernaw ir-Regolament ta' Tifsir dwar il-Parti-CC ippublikati mal-CRD** kienu jiffokaw fuq ir-rekwiżit propost li l-attestazzjonijiet tat-taħriġ tas-sikurezza, maħruġa skont l-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91<sup>8</sup> kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008<sup>9</sup> (minn hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-EU-OPS), jiġu sostitwiti b'attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina f'format ġdid, kif ukoll fuq il-perjodi transizzjonali proposti.
17. **Ir-Regolament ta' Tifsir ippublikat f'din l-Opinjoni:** Il-prinċipju ġenerali li tinżamm l-attestazzjoni tat-taħriġ tas-sikurezza maħruġa skont l-EU-OPS għall-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru bl-ajruplani nżamm u ġie ċċarat. Barra minn hekk, il-perjodi transizzjonali relatati għas-sostituzzjoni tagħhom ma' attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina f'format ġdid ġew imtawwla sat-8 ta' April 2017, b'mod simili għal dak li għandu japplika għall-ħruġ mill-ġdid f'format ieħor tal-liċenzji tal-bdoti, b'mod konformi mal-JAR, bil-għan li:
- o jipprovdu lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati kkonċernati aktar żmien rigward il-ħruġ ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina fil-format ġdid; u
  - o ikopru s-sitwazzjonijiet differenti tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina li jkollhom, meta jkun japplika dan ir-Regolament, attestazzjoni tat-taħriġ tas-sikurezza maħruġa skont l-EU-OPS. Dan jikkunsidra li r-rekwiżit biex taħriġ għal tip ta' inġenju tal-ajru jitlesta flimkien mat-taħriġ inizjali qabel il-ħruġ tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, kif ġie propost oriġinarjament fl-NPA u l-CRD, issa tħassar, fejn issa huwa limitat biss għat-tkomplija tal-kors tat-taħriġ tal-bidu.

Filwaqt li mhuwiex normali għall-ekwipaġġ tat-titjira, l-esperjenza turi li l-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina jistgħu jagħżlu li jieqfu milli jkomplu jtiru għal xi sena waħda jew aktar. F'każ bħal dan, l-għarfien u l-profiċjenza miksuba


<sup>7</sup> Esklużjoni hija miżura ta' transizzjoni li tippermetti lill-Istati Membri l-għażla biex jipposponu d-data tal-implimentazzjoni ta' ċerta dispożizzjoni, sa ċertu żmien definit skont il-liġi.

<sup>8</sup> ĠU L 373, il-31.12.1991, p. 4-8.

<sup>9</sup> ĠU L 254, l-20.9.2008, p. 1.

matul it-taħriġ tal-bidu tagħhom ma jkunux jistgħu jissaħħu bl-esperjenza tat-titjir u bit-taħriġ u l-verifika meħtieġa assoċjati, għalhekk il-validità tat-taħriġ inizjali jkollha tiskadi wara ċertu perjodu mingħajr titjir.

18. L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Tifsir jelenka l-emendi li jridu jsiru fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-persunal tal-avjazzjoni ċivili biex ikopri lill-ekwipaġġ tal-kabina, kif ġej:
- o Qed jiżdied Punt dwar il-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina taħt 'Ambitu u applikabbiltà';
  - o Qed tiżdied definizzjoni ta' membru tal-ekwipaġġ tal-kabina taħt 'Definizzjonijiet': Id-definizzjoni tikkunsidra l-bidliet li seħħew fis-settur tal-avjazzjoni mill-ħruġ inizjali tal-JAR-OPS 1 li kienet tinkludi d-definizzjoni li issa tinstab fl-EU-OPS, u tipprovdi aktar ċertezza legali. Din tinkludi d-dmirijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina kollu u l-oqsma fejn dawn għandhom iwettqu dmirijiethom (ġewwa kif ukoll barra l-kabina tal-inġenju tal-ajru, pereżempju, wara evakwazzjoni) u tagħmilha ċara li dawn l-impjegati jridu jkunu kkwalfikati biex iwettqu d-dmirijiet meħtieġa.
  - o Artikolu ġdid dwar 'Il-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina u l-attestazzjoni relatata' qed jiżdied biex jispeċifika li l-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bl-inġenju tal-ajru previst fl-Artikolu 4(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Bażiku jrid ikun ikkwalfikat skont il-Parti-CC, u biex jiddeskrivi l-miżuri ta' transizzjoni. Il-każ speċifiku tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bil-ħelikopters, li bħalissa mhemmx għalfejn ikollhom l-attestazzjoni ta' taħriġ ta' sikurezza, ukoll ġie indirizzat.
19. L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Tifsir jispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ u jipprovdi għal esklużjonijiet rigward id-dispożizzjonijiet għad-dokumenti u ż-żamma tar-rekords, kif ukoll għall-ħruġ tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina lill-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru bil-ħelikopters.
20. Iċ-ċart t'hawn taħt turi l-istruttura tal-Parti-CC bħala l-Anness V għar-Regolament ta' Tifsir għall-persunal tal-avjazzjoni ċivili kif ippubblikat f'din l-Opinjoni.



#### Rekwiżiti għall-kwalifika tal-ekwipaġġ tal-kabina

21. Il-proposti tas-CRD għall-Parti-CC jinkludu r-rekwiżiti għall-kwalifika u l-attestazzjoni relatata, hekk kif applikabbli għall-ekwipaġġ tal-kabina involut f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru. Dawn ir-rekwiżiti huma s-supplimentati bir-rekwiżiti tal-operat intiżi għall-operaturi li joperaw inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ tal-kabina u skont ir-rekwiżiti tal-awtorità li huma rilevanti għall-applikanti u d-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina.
22. **Reazzjonijiet għas-CRD** oriġinaw minn 35 kummentatur, kif ġej:
- 6 Stati Membri: 3 minn dawn ikkonfermaw it-tħassib tagħhom dwar uħud mill-proposti tas-CRD kif ukoll dwar il-proposti tal-NPA, anke jekk dawn appoġġjaw il-bidliet l-oħra li saru.
  - 5 organizzazzjonijiet tal-linji tal-ajru Ewropej u 6 linji tal-ajru individwali minn 3 Stati Membri kkonfermaw in-nuqqas ta' qbil tagħhom dwar l-ambitu tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina minkejja l-bidliet li saru fil-proposti oriġinali.
  - 13-il organizzazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina: dawn kollha ilmentaw li l-proposti tas-CRD tbaxxew b'mod sinifikanti u talbu biex jerġġu lura għall-proposti oriġinali tal-NPA.
  - 5 organizzazzjonijiet tat-taħriġ (TOs) u produtturi ta' apparat tat-taħriġ esprimew it-tħassib tagħhom dwar in-nuqqas ta' rekwiżiti komuni għall-approvazzjonijiet ta' TO u għall-apparat tat-taħriġ, u talbu lill-EASA biex tiżviluppa tali kriterji jew standards.
23. **Problemi prinċipali** – Meta kienu qed jiġu riveduti r-reazzjonijiet li waslu, ġew identifikati l-problemi ewlenin li ġejjin:
- **Ambitu tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina:**
    - Ir-rekwiżit propost għal taħriġ speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru li jrid isir flimkien mal-kors tat-taħriġ tal-bidu qabel ma jinħarġu l-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina deher li kien l-ikbar problema. Il-maġġoranza tar-reazzjonijiet esprimew l-opinjoni li l-attestazzjoni għandha tinħareġ wara t-tkomplija tal-kors ta' taħriġ tal-bidu, skont l-EU-OPS, mingħajr ma jkun hemm hteġa għal taħriġ li jkun speċifiku għat-tip ta' inġenju tal-ajru.
  - **Kundizzjonijiet għall-użu tal-attestazzjoni mid-detenturi:**
    - Ir-rekwiżit li l-attestazzjoni tinġarr meta dawn ikunu qed jaqdu d-dmirijiet tagħhom abbord inġenju tal-ajru ġġenera opinjonijiet differenti.
    - Ir-rekwiżit li l-ekwipaġġ tal-kabina jkun medikament b'saħħtu, li diġà huwa meħtieġ permezz tal-EU-OPS, ġie aċċettat għal kollox.
  - **Rekwiżiti tat-taħriġ:**
    - Reazzjonijiet oħra firsru l-opinjoni li s-sillabu dettaljat tat-taħriġ għandu jiġi speċifikat f'Appendiċi għar-Regoli ta' Implimentazzjoni, bl-istess status bħal taħt l-EU-OPS, sabiex tkun żgurata l-affidabbiltà u sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina fl-Unjoni Ewropea kollha.
24. **It-test riżultanti ppreżentat fl-Opinjoni:** ir-Regoli ta' Implimentazzjoni (IRs) tal-Parti-CC huma inklużi fi tliet Subpartijiet kif deskritt hawn taħt.
25. **Parti-CC Subparti GEN – Rekwiżiti ġenerali**
- Is-Subparti GEN tinkludi l-IRs li jispeċifikaw l-awtorità kompetenti (CC.GEN.001) u l-ambitu (CC.GEN.005) tal-Parti-CC. Din tispeċifika wkoll kif

applikazzjoni għal attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha tiġi ppreżentata (CC.GEN.015) u l-età minima tal-applikanti (CC.GEN.020).

- o Is-Subparti GEN tinkludi wkoll l-IRs fi CC.GEN.025 li jiddeskrivu l-privileġġi assoċjati mal-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina meħtieġa mill-Parti-CC kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-użu tagħha u r-responsabbiltajiet tad-detenturi. Ir-rekwiżiti li kienu diġà fl-EU-OPS, jiġifieri għall-adegwatezza kontinwa mil-lat ta' saħħa u għall-kompetenza abbord it-tip ta' inġenju tal-ajru li għandu jkollhom, ġew ikkonfermati. Ir-rekwiżit li tinġarr l-attezzjoni meta jkun qed jiġu eżerċitati l-privileġġi ġie ttrasferit f'IR ġdid 'CC.GEN.030 Dokumenti u żamma tar-rekords' għar-raġunijiet deskritti fil-paragrafu li jmiss.
- o Dan l-IR ġie żviluppat biex jiċċara r-responsabbiltà tad-detenturi fir-rigward tad-dokumenti professjonali individwali tagħhom u r-rekords tat-taħriġ. Wara li kkunsidrat l-opinjoni differenzi li tqajmu, l-Aġenzija temmen li l-ekwipaġġ tal-kabina, bħal kwalunkwe persunal ieħor tal-avjazzjoni ċivili li għandu jkun konformi mar-regoli, għandu jkun f'pożizzjoni li juri l-konformità dejjem. Dan huwa l-għan fundamentali ta' kwalunkwe dokument professjonali meħtieġ skont ir-regoli tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Dan għandu l-għan li jtejjeb l-għarfien u l-impenn tad-detenturi sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mar-regoli applikabbli u li d-dokumenti relatati jkun validi u miżmuma f'kundizzjoni tajba. Dan għandu l-għan ukoll li jiffaċilita l-ispezzjonijiet tar-rampa. Dan l-aħħar punt isir aktar rilevanti fil-kuntest tal-avjazzjoni attwali, fejn hemm numru dejjem jikber ta' membri tal-ekwipaġġ *freelance* u oħrajn staġjonali, u ta' membri tal-ekwipaġġ temporanji jew permanenti li jaħdmu għal iktar minn operatur wieħed.
- o Barra minn hekk, kif previst fir-Regolament Bażiku (l-Artikolu 8(5)(e)) l-attezzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom jinżammu. Minħabba li l-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina tinħareġ wara l-kors ta' taħriġ tal-bidu, għaldaqstant għal perjodu mhux limitat taħt kundizzjonijiet normali, il-konformità kontinwa meħtieġa ma' regoli tas-sikurezza applikabbli oħrajn mid-detentur tista' tintwera biss jekk l-attezzjoni tkun issupplimentata b'lista ta' kwalifiki ta' tipi ta' inġenji tal-ajru li l-operaturi għandhom jagħmlu disponibbli għal kull detentur ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina li jimpjegaw. Meta jiġi kkunsidrat li l-operaturi kollha għandu jkollhom sistema fis-seħħ li tipprovdi lill-impjegati tagħhom b'informazzjoni u aġġornamenti relatati mas-sikurezza, din qed tkun proposta bħala l-iktar għażla Prattika meta mqabbla ma' proċess amministrattiv segwit mill-awtorità jew organizzazzjoni approvata sabiex toħroġ mill-ġdid u/jew tivvalida mill-ġdid l-attezzjonijiet.

## 26. **Parti-CC Subparti CCA – Rekwiżiti speċifiċi għall-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

- o Is-Subparti CCA tinkludi l-IRs li jindirizzaw b'mod speċifiku l-ħruġ, il-validità u s-sospensjoni jew ir-revoka tal-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina. L-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandha tinħareġ wara t-tlestija b'suċċess tal-kors ta' taħriġ tal-bidu u l-eżami relatati. Il-konformità mar-rekwiżiti tat-taħriġ l-oħra kollha li japplikaw tibqa' kundizzjoni għall-użu tal-attezzjoni mid-detenturi kif diġà ssemma' aktar 'il fuq.
- o Barra minn hekk, kif meħtieġ bir-reazzjonijiet li waslu minn diversi Stati Membri, il-kompitu tal-ħruġ tal-attezzjoni (CC.CCA.100) jista', jekk jiġi deċiż hekk minn Stat Membru skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Bażiku, jiġi ddelegat lil organizzazzjoni, sakemm dik l-organizzazzjoni tkun approvata biex tagħmel dan mill-awtorità kompetenti.
- o L-IR f'CC.CCA.105 dwar il-validità tal-attezzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina ġie emendat u l-kundizzjonijiet tal-validità li kienu proposti oriġinarjament ġew sostitwiti bi proposti alternattivi li ġew issuġġeriti mill-kummentaturi, b'mod

ewlieni li l-validità tal-attestazzjoni għandha tiskadi fil-każ ta' sospensjoni jew revoka mill-awtorità kompetenti jew jekk id-detentur ma jeżerċitax il-privileġġi tiegħu/tagħha matul perjodu ta' iżjed minn 60 xahar.

- o L-IR f'CC.CCA.110 dwar is-sospensjoni u r-revoka tal-attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina jispeċifika l-kundizzjonijiet li huma simili ħafna għal dawk applikabbli għal persunal ieħor tal-avjazzjoni ċivili u li skont liema, l-attestazzjoni tista' tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti.

**27. Parti-CC Subparti TRA – Rekwiżiti ta' taħriġ għall-applikanti u d-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina**

Is-Subparti TRA tinkludi l-IRs li jkopru b'mod speċifiku r-rekwiżiti tat-taħriġ li huma bbażati l-iżjed fuq ir-rekwiżiti tal-EU-OPS korrespondenti.

- o Sillabu dettaljat għall-kors ta' taħriġ inizjali meħtieġ skont CC.TRA.220 qed ikun speċifikat f'Appendiċi għall-Parti li għandha l-istess status legali bħal taħt l-EU-OPS. Dan għandu jiffaċilita r-rikonossiment tal-attestazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina fl-Unjoni Ewropea;
- o Kwalifika(i) tat-tip ta' inġenju tal-ajru jew varjant skont CC.TRA.225, li tirrifletti r-rekwiżiti ta' taħriġ u verifika preżenti tal-EU-OPS, hija speċifikata bħala kundizzjonijiet għall-użu tal-attestazzjoni mid-detenturi. Il-programmi ta' taħriġ għandhom jiġu speċifikati fir-regoli ta' implimentazzjoni indirizzati lill-operaturi u l-operazzjonijiet tal-ajru ta' kopertura (Parti-CAT).

**28. Punt li għandu jiġi kkunsidrat għal tfassil ta' regoli addizzjonali**

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera b'mod ċar qbil wiesa' fost diversi Stati Membri u partijiet interessati dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati kriterji jew standards komuni fil-livell tal-UE għall-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' taħriġ għall-ekwipaġġ tal-kabina, għall-kwalifiki tal-ġhalliema u l-eżaminaturi u għall-apparat tat-taħriġ. Għaldaqstant, soġġett għal fehim komuni u qbil dwar il-bażi legali mil-leġiżlatur, l-Aġenzija qed tippromponi li tindirizza dawn il-punti permezz ta' kompitu ta' Tfassil ta' Regoli ieħor fil-futur.

Kolonja, 19 ta' April 2011

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv